MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 331/2013

**FF Limited u Fenech Estates Company Limited**

**Vs**

**Aronne sive Ronnie u Rita Margherita Barbara**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fit-8 ta’ April 2013, l-atturi talbu:

*1. Tiddikjara lill-intimati moruzi fil-hlas ta' cens u subcens dovuti mit-3 ta' Marzu 1996 fuq il-fondi kummercjali bin-numri 71 u 69, Triq Axtart, Marsaxlokk u mit-3 ta' Marzu 1990 fuq il-fond u garaxx bin-numri 91 u 89, Triq Axtart, Marsaxlokk, fis-somma globali ta' sitt elef, erba' mija u erbgha u sittin euro u disgha u erbghin centezmu **(€6,464.49)** dovuti in kwantu ghal hamest elef, erba' mija u erbgha u tletin euro u erbgha u erbghin centezmu (€5,434.44) lil Fenech Estates Company Limited u in kwantu ghal elf u tletin euro u hames centezmi (€1,030.05) lil FF Limited;*

*2. Tordna ghalhekk lill-intimati jhallsu lis-socjeta' rikorrenti Fenech Estates Company Limited l-ammont fuq indikat ta' €5,434.44, kif ukoll l-imghax legali sal-15 ta' Settembru 2012 li jammonta ghal €3173.02, b'total ta' tmint elef, sitt mija u seba' euro u sitta u erbghin centezmu (€8,607.46), b'rizerva ghal imghax ulterjuri mill-16 ta' Settembru 2012 sad-data tal-pagament effettiv;*

*3. Tordna wkoll lill-intimati jhallsu lis-socjeta' rikorrenti FF Limited l-ammont fuq indikat ta' €1,030.05, kif ukoll l-imghax legali sal-15 ta' Settembru 2012 li jammonta ghal €126.88, b'total ta' elf, mija u sitta u hamsin euro u tlieta u disghin centezmu (€1,156.93), b'rizerva ghal imghax ulterjuri mis-16 ta' Settembru 2012 sad-data tal-pagament effettiv;*

*4. Tiddikjara xolti:*

*a. Il-koncessjoni subenfitewtika gravanti il-fond kummercjali 71, Triq Axtart, Marsaxlokk (gja' plot 142, Tal-Ibwar, Marsaxlokk), kif ukoll il-fond kummercjali 69, Triq Axtart Marsaxlokk (gja' plot numru 143, Tal-Ibwar, Marsaxlokk), liema koncessjoni tirrizulta mill-kuntratt pubbliku tad-9 ta' Marzu 1979 fl-Atti tan-Nutar Mario Rosario Bonello u li l-intimati akkwistaw permezz tal-kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin tas-17 ta' Marzu 1993 (Dok B); u*

*b. il-koncessjoni enfitewtika gravanti l-fond u garaxx illum numerate 89 u 91 Triq Axtart, Marsaxlokk (gja' plot 137A, Tal-Ibwar Marsaxlokk) liema koncessjoni tirrizulta mill-kuntratt pubbliku tas-16 ta' Frar 1979 fl-Atti tan-Nutar Mario Rosario Bonello lill-intimati u li huma akkwistaw permezz tal-kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor George Cassar tad-19 ta' Novembru 1982 (Dok C);*

*u ghal dan il-ghan tinnomina Nutar ghall-pubblikazzjoni tal-imsemmija kuntratti ta' rexissjoni u tiffissa jum, lok u hin ghall-pubblikazzjoni tal-istess, kif ukoll tinnomina kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess kuntratti;*

*5. Tordna li, fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tipprefiggi dina l-Onorabbli Qorti, il-proprjetajiet imsemmija jirrevertu lura f'idejn is-socjetajiet rikorrenti;*

*6. Fi kwalsijasi kaz, tiddikjara lill-intimati responsabbli ghad-danni fil-konfront tas-socjetajiet rikorrenti minhabba l-ksur tal-kundizzjonijiet tal-enfitewsi kif fuq imsemmi, tillikwida dawn id-danni u tordna lill-intimati jhallsu l-istess danni lis-socjetajiet rikorrenti;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u b'rizerva ta' kwalsijasi azzjoni ohra spettanti lis-socjetajiet rikorrenti riferibbilment ghall-istess koncessjoni enfitewtika.*

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fl-10 ta' Mejju 2013, il-konvenuti wiegbu:-

*1. Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti li kkonfermaw bil-gurament taghhom ir-rikors promotur huma r-rapprezentanti gudizzjarji u legali tas-socjetajiet rikorrenti u l-legittimi kontradittURI tat-talbiet maghmula;*

*2. Illi fit-tieni lok u dejjem minghajr pregudizzju r-rikorrenti ma huwiex l-padrun assolut tal-proprjetajiet kollha mertu tal-kawza u ghalhekk irid jipprova li ghandu t-titolu validu kif rikjest mil-ligi;*

*3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju t-talbiet tar-rikorrenti huma in parte nfondati fil-fatt u fid-dritt u huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti;*

*4. Illi ancheorche li jekk r-rikorrenti huma realment kredituri tal-intimati f'parti mill-ammont dovut ta' cens imsemmi fir-rikors guramentat, l-intimati huma ntitolati jitolbu estensjoni ghall-hlas ghas-saldu tac-cens realment dovut u mhux dak pretiz ai termini tal-Artikolu 1519 (2) u (3) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u di fatti kontestwalment mall-presentata ta' dina r-risposta guramentata huma qeghdin jghaddu biex ai termini tal-ligi jiddepositaw l-ammont korrett li huwa dovut taht l-Awtorita' tal-Qorti permezz ta' cedola apposita;*

Semghet il-provi, it-trattazzjoni tad-difensuri u rat l-atti.

**Kwistjoni**.

Il-kaz jitratta dwar talba ghall-hlas ta' cens u subcens fuq il-fond:

i. 71 u 69, Triq Axtart, Marsaxlokk mit-3 ta' Marzu 1996 (qabel maghrufa bhala plots 142 u 143 u wara gew numerati 71 u 69); u
ii. 89 u 91, Triq Axtart, Marsaxlokk mit-3 ta' Mazu 1990 (qabel maghrufa bhala plot 137 jew 137A).

L-atturi jippretendu l-hlas ta' **€6,464.49** bhala cens u subcens, in kwantu ghal €5,434.44 dovuti lil Fenech Estates Company Limited u €1,030.05 lil FF Limited, in kwantu ghal:

(a) €4,058.92 arretrati fuq il-fondi 71 u 69, Triq Axtart, Masaxlokk (qabel 142 u 143);
(b) €2,405.57 fir-rigward tal-fondi 89 u 91, Triq Axtart, Marsaxlokk;

Jirrizulta li b'kuntratt:-

i. Tad-19 ta' Novembru 1982 pubblikat min-nutar George Cassar, il-konvenut akkwista minghand Grazio Patiniott porzjon art fabbrikabbli f'Marsaxlokk maghrufa bhala tal-Ibwar u tifforma parti minn plot bin-numru 137. Fil-kuntratt jinghad li l-art hi soggetta ghac-cens u subcens annwu u perpetwu ta' **Lm44.90** li ghandu jithallas kull sena fit-3 ta' Marzu, kif ukoll li:-

   *"Il-partijiet japplikaw ghal dan it-trasferiment tal-lum il-pattijiet tal-kuntratt originali tal-akkwist li kopja tieghu qieghda tinghata lil Aronne Barbara"*.

   Fl-att jinghad ukoll li Patiniott akkwista l-art minghand l-attrici Fenech Estates Company Limited b'kuntratt fl-atti tan-nutar Dr Mario Rosario Bonello tas-16 ta' Frar 1979 (ara Dok. FF4 a fol. 73). F'dak jinghad li l-art hi soggetta *"…. Ghar-rata taghha ta' cens u subcens ta' sitta u tletin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm36.75) fis-sena in perpetwu lejn il-padruni u subpadruni diretti u* ***bl-imposizzjoni fuq dan l-att accettanti l-akkwirent ta' hamsa u erbghin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm45.75) fis-sena****, liema subcens u awment ta' subcens ta' tnejn u tmenin lira u hamsin centezmu (Lm82.50) ghandu jithallas bis-sena bil-quddiem fit-tlieta ta' Marzu ta' kull sena …..".* Fil-kuntratt jissemma li l-padruni u sub-padruni diretti huma Astra Development Company Limited, Licari Estates Limited u Joseph Sammut Pullicino ghan-nom ta' wliedu. L-art oggett ta' dan il-kuntratt kienet ta' kejl ta' 323 metri kwadri filwaqt li l-art oggett tal-kuntratt ta' akkwist tad-19 ta' Novembru 1982 kienet ta' 175.64 metri kwadri. B'hekk hemm diskrepanza bejn ir-rata ta' cens u subcens li tissemma f'kull wiehed minn dawn iz-zewg kuntratti.

ii. Tas-17 ta' Marzu 1993 pubblikat min-nutar Dr Maurice Gambin, il-konvenut akkwista minghand Saverio u Theresa konjugi Mallia, porzjon art f'Marsaxlok, tal-kejl ta' 370 metri kwadri markati bhala plots numru 142 u 143, soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' **Lm102.50** u minn liema ammont Lm42.25 hu dovut lill-padruni diretti u Lm60.25 dovut lil Fenech Estates Company Limited (Dok. B a fol. 15).

Fl-att jinghad li Mallia akkwistaw l-art minghand Fenech Estates Company Limited b'att tas-27 ta' April 1989 pubblikat min-nutar Dr Mario Rosario Bonello. Inoltre jinghad ukoll li t-trasferiment hu soggett ghal kondizzjonijiet u pattijiet stipulati fl-atti tad-9 ta' Marzu 1977 tal-istess nutar, 3 ta' Marzu 1966 atti nutar Dr Joseph Felix Abela u l-kuntratt tal-1 ta' Gunju 1965 pubblikat min-nutar Dr Francis X. Dingli. Fil-kuntratt li sar bejn Fenech Estates Company Limited u l-konjugi Mallia (fol. 68) jinghad li c-cens hu ta' Lm102.50 li minnhom Lm42.25 hu cens u subcens dovut lill-padruni diretti u Lm60.25 awment ta' subcens li gie mpost fuq l-att minn Fenech Estates Limited.

Permezz ta' cedola ta' depozitu prezentata fl-10 ta' Mejju 2013 (fol. 53), il-konjugi Barbara ddepozitaw is-somma ta' **€3,433.50** in kwantu ghal:

(a) €2,387.61 subcens ghall-plots numru 142 u 143;
(b) €1,045.89 subcens ghall-plot numru 137;

flimkien mas-somma ta' €1,545.03 bhala imghax fuq l-istess. Fiha ddikjaraw li l-hlas kien dovut ghall-perjodu bejn it-3 ta' Marzu 2004 u t-3 ta' Marzu 2014.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**.

1. Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni, jirrizulta:

   (a) Mill-att pubbliku K6 (fol. 239) li l-ahwa Michael Angelo Fenech u Alfred Fenech ghandhom ir-rapprezentanza tal-kumpannija. Fenech Estates hi kumpannija tal-ahwa Fenech u huma diretturi (ara affidavit taghhom fol. 121 u 176). Ma rrizultax li hemm xi diretturi ohra.

   (b) Mill-provi rrizulta li FF Limited twaqfet wara li l-ahwa Fenech ittransigew il-kwistjonijiet ta' bejniethom. Irrizulta kif din il-kumpannija twaqqfet minn Alfred Fenech sabiex fiha giet trasferita proprjeta oggett tat-transazzjoni[1]. Mill-kuntratt K6 (fol. 239) jirrizulta li Alfred Fenech ghandu r-rapprezentanza ta' FF Limited.

[1] Min-naha l-ohra Michael Angelo Fenech ghandu l-kumpannija Fenech Properties Limited.

Ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni ser tigi michuda.

2. Permezz tat-tieni eccezzjoni l-konvenuti qalu li l-atturi m'humiex il-padruni assoluti tal-art u jridu jaghtu prova dwar it-titolu taghhom. L-atturi taw prova tat-titolu taghhom billi pprezentaw il-kuntratti Dok. FF1, FF2 u FF5 (ara fol. 56 *et seq*). Inoltre, m'hemmx prova li Barbara qatt ghamlu xi haga biex jigu rikonoxxuti mid-direttarji u sub-direttarji. Il-qorti tosserva wkoll li:-

i. Il-konjugi Barbara tant jafu li l-atturi ghandhom titolu u li l-ammont li ghandu jithallas lill-atturi hu ta' Lm147.40 (€343.35) kull sena, li ghall-perjodu 3 ta' Marzu 2004 sat-3 ta' Marzu 2014, iddepozitaw is-somma ta' €3,433.50 (fol. 53). Dan ifisser €343.55 ghal kull sena matul l-imsemmi perjodu.

ii. Mir-ricevuti ta' hlas li pprezenta l-konvenut, jirrizulta li fir-rigward tal-plot 137 kien ihallas Lm44.90 fis-sena (ara per ezempju ricevuti AB2-AB4 a fol. 369-371, u Dok. AB7-AB9 a fol. 374-376). Dan hu l-ammont ta' cens u subcens li jissemma fl-att li bih akkwistaw il-konvenuti (19 ta' Novembru 1982). Fatt li jikkonferma li l-konvenuti kienu jafu li lil Fenech Estates Company Limited kellhom ihallsuha s-somma ta' Lm44.90 kull sena.

iii. Fir-rigward tal-plots 142 u 143, fil-kuntratt li bih Fenech Estates Company Limited ttrasferiet lill-konjugi Mallia (l-awturi tal-konvenuti Barbara) hu car li s-somma ta' Lm102.50 kull sena kellha tithallas lil Fenech Estates Limited. Fil-fatt fil-kuntratt jinghad li: ***"Il fuq imsemmi cens totali ta' Lm102.50 ghandu jithallas kull sena bil-quddiem, b'effett mil-lum, b'dan li c-cens jithallas kull tlieta ta' Marzu ta' kull sena u dana sabiex jinzamm certu ordni rigward il-pagament tac-cens"***. Meta akkwistaw il-konvenuti, fil-kuntratt giet riprodotta din il-klawzola. Jirrizulta li l-konvenut qatt m'ghamlu xejn biex jigu rikonoxxuti mid-direttarji u sub-direttarji l-ohra. F'dan ir-rigward hi rilevanti d-deposizzjoni ta':-

a) Dr Rachael Bonello[2] li kkonfermat li tigbor ic-cnus li huma dovuti lil Astra Limited, il-kumpannija li minghandha akkwistat Fenech Estates Company Limited. F'kull kaz il-konvenuti kellhom l-oneru li jaghtu l-prova li gew rikonoxxuti mill-padrun dirett. Prova li ma saritx.
b) Victor Licari ta' Licari Estates Limited[3].

[2] Seduta tal-4 ta' Novembru 2013 (fol. 326) fejn qalet: *"Nerga' ntenni li mir-records li ghandi l-ufficcju tieghi ma jirrizultax li qatt ircevejt xi hlas ta' cens minghand Mr Aronne Barbara. Nikkonferma li jien bdejt namministra din il-kumpannija fil-kariga tieghi ta' segretarja fl-1992 u 1993"*.
[3] Seduta tal-4 ta' Novembru 2013 (fol. 329).

F'dan il-kuntest hu wkoll rilevanti l-kuntratt li bih akkwistat Fenech Estates Co. Limited, datat 29 ta' Mejju 1978 pubblikat min-nutar Maurice Gambin (Dok. K1 a fol. 181). L-attrici akkwistat minghand Astra Development Company (Malta) Limited, u fuq l-att deher ukoll Victor Licari ghan-nom ta' Licari Estates Limited li rrikonoxxa lil Fenech Estates Co. Limited tant li rcieva l-lawdemju.

3. Il-konvenuti jsostnu wkoll li parti mill-pretensjoni tal-atturi hi preskritta b'applikazzjoni tal-Artikolu 2156(a) tal-Kodici Civili. F'nota li pprezentaw fis-17 ta' Mejju 2013 (fol. 48) iddikjaraw li din l-eccezzjoni tirreferi ghall-perjodu **3 ta' Marzu 1996 sat-3 ta' Frar 2004**. Il-qorti tifhem li l-konvenuti riedu jghidu mit-3 ta' Marzu 1990 gialadarba fin-nota ghamlu riferenza ghall-prospetti Dok. G sa I prezentati mill-atturi, fejn gie ddikjarat li fir-rigward tal-plot 137A, il-hlas qieghed jintalab **mit-3 ta' Marzu 1990**.

   Il-qorti kellha l-opportunita' li tisma' lill-konvenut jixhed *viva voce*, u tistqarr li ma temmnux. Waqt li kien qieghed jixhed kien evidenti li hu kien jaf li hemm ammonti ohra ta' cens li ma hallasx apparti l-flus li ddepozita fil-qorti. Meta xehed kien ferm attent ma tmurx tahrablu xi kelma li tikkompromettilu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Il-konvenut kien evaziv bil-mod li wiegeb ghad-domandi li sarulu. Il-konversazzjoni li l-konvenut kellu ma' Michael Fenech **fis-26 ta' Gunju 2009** u li giet rekordjata (ara traskrizzjoni Dok. MF11 a fol. 148), turi b'mod car kif il-konvenut kien accetta li ma hallasx l-arretrati tac-cens pero' kien ha parir minghand avukat u nutar li qalulu li ghandu l-preskrizzjoni favur tieghu. Hekk per ezempju f'parti mill-konversazzjoni nghad:

   *"Mike: Biss taf li ghandek tatihom dawk il-flus. Tigix tghidli li ma tafx li ghandek tatihom, Ron.*
   *Aronne: Imma l-preskrizzjoni tghodd ukoll"* (fol. 149).

   Fl-ebda mument tal-konversazzjoni l-konvenut ma ta x'jifhem li m'huwiex debitur. Fil-fehma tal-qorti dan ir-ragunament m'huwiex kompatibbli. Bil-mod li tkellem il-konvenut accetta li ma kienx hallas id-dejn, pero' t-tezi tieghu kienet li mhux ser ihallas minhabba l-preskrizzjoni estintiva. Ragunament li ghal din il-qorti m'huwiex accettabbli meta tqies ukoll li min-natura taghha l-preskrizzjoni hi l-eccezzjoni u mhux ir-regola. Iktar minn hekk pero' hemm l-affidavit ta' Michaelangelo Fenech li spjega x'kien ighidlu l-konvenut meta jinzerta jiltaqa' mieghu (ara fol. 122 u 123[4]). Hu veru li l-konvenut xehed li

[4] Hekk per ezempju irrakkonta kif f'okkazzjoni minnhom kien mar ma' huh Alfret f'sit li jigi ftit metri 'l boghod mir-residenza tal-konvenut, u rrakkonta: *"…. waqt li konna qed inkejlu l-qies ta' din l-art u niddiskutu l-prezz offrut kien gie fuqna Ronnie Barbara. Ronnie kien hadilna b'idejna u wera s-sodisfazzjon tieghu li kien qed jerga' jarana maghqudin flimkien u nitkellmu. Din il-laqgha kienet sehhet ftit gimghat ossia xhur qabel ma gie ffirmat il-konvenju ghall-bejgh u x-xiri ta' din l-arti u cioe' qabel id-19 ta' Marzu 2007. F'din l-okkazzjoni Ronnies kien staqsa lili u lil hija jekk kien possibbli jhallas ic-cens stante li konna rrangajna bejnietna. Jiena kont ghidtlu li jien u hija konna ghadna ghaddejjin bin-negozjati u appenna jigu konkluzi konna nibghatu ghalih. Kien qalilna li xtaq jissetja l-kontijiet fuq it-tlett (3) plots li kellu peress li l-ammonti ta' cnus kien jmorru lura sal-1990 u l-1996*

ma kienx jaf lil Michaelangelo Fenech. Pero' wara li t-tnejn li huma xehedu *viva voce*, il-qorti m'ghandha l-ebda dubju li Fenech hu xhud iktar kredibbli. Meta l-konvenut xehed it-tieni darba deher evidenti li l-interess tieghu kien sabiex iwiegeb b'mod li ma jikkompromettix l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Il-qorti ma temminx li Barbara qatt ma ltaqa' ma' Michaelangelo Fenech. Hekk ukoll il-kredibilita' ta' Barbara giet imtappna meta fis-seduta tat-30 ta Mejju 2014 xehed dwar dak li jidher fir-ritratt Dok. MF3 (fol. 138):

*"F'dan il-bini jien inzomm oggetti personali tieghi. Ir-roti illi jidhru fuq is-sular ta' fuq fid-dokument MF3, fol. 138, dawk huma personali tieghi. Mistoqsi mill-Qorti ghalfejn qeghdin on show, ghaliex il-faccata bil-hgieg.* ***Jiena nikkollezzjona l-karozzi****. Ghandi karozzi ilhom ghandi ghoxrin sena u nzommhom f'dan il-bini l-karozzi tieghi*.

***Mistoqsi mill-Qorti x'inhi r-raguni illi dan il-bini ghandu faccata b'dak il-hgieg kollu, nghid ghax jien dilettant tal-karozzi, biex il-vetturi jkunu on show****"* (enfazi tal-qorti, fol. 361).

Verzjoni li l-qorti ma temminx. Ir-raguni tghidlek li min ghandu kollezzjoni privata ta' vetturi mhux ser jaghmel faccata kollha hgieg biex jesponihom. Dan apparti li l-konvenut ma ressaq l-ebda prova li effettivament kien hemm xi zmien meta l-vetturi li qal li jikkollezzjona kienu on show wara l-hgieg. Fir-ritratt MF3, fis-sular ta' fuq jidhru wkoll roti *on display*. Il-konvenut ipprova jaghti x'jifhem li r-roti ma kienux ghall-bejgh. Il-qorti m'ghandha l-ebda dubju li minn dak il-bini kienet qeghda ssir attivita kummercjali. Il-konvenut stess xehed li s-sengha tieghu kienet ta' mekkanik. Ghalkemm xehed li qabel irtira bl-eta kien impjegat mal-Gvern, dan ma jfissirx li dik hi xi prova li ma kienx jaghmel xoghol ghal rasu. Meta parti tipprova tghaddi lill-qorti biz-zmien, ma tistax tippretendi li l-qorti ser temminha fir-rigward tal-kumplament tad-deposizzjoni.

4. L-atturi qeghdin jitolbu li l-qorti tholl it-titolu li ghandhom il-konvenuti fuq il-proprjetajiet oggett tal-kawza. Waqt it-trattazzjoni d-difensuri tal-atturi ghamlu argumenti nteressanti biex isostnu t-tezi li:-

(a) L-akkwist mill-konvenut kien att kummercjali;
(b) Il-konvenut jikkwalifika bhala kummercjant;

F'dan il-kuntest il-qorti tosserva:-

---

*ghaliex kien hemm okkazzjoni fejn hallas xi ammonti lil Dr Vincent Falzon fuq zewg plots minnhom"* (fol. 123). Verzjoni li giet korraborata minn Alfred Fenech, li qal ukoll li din il-konversazzjoni mal-konvenut sehhet *"...xi gimghat qabel Marzu 2007. Niftakar il-perjodu ghaliex fl-istess xahar ta' Marzu 2007 kien gie nieqes missieri Nazzareno Fenech"* (fol. 177).

i. L-Artikolu 117 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13) jipprovdi li f'kuntratti kummercjali, l-kondizzjoni rizoluttiva tacita li tissemma fl-Artikolu 1068 tal-Kodici Civili tholl il-kuntratt *ipso jure*. Pero' skond l-istess provvediment, ir-regola ma tapplikax fir-rigward ta' kuntratti ta' kiri ta' proprjeta immobbli jew kuntratti ta' enfitewsi. Madankollu fil-kaz in ezami l-atturi qeghdin jibbazaw ir-raba' talba fuq **kundizzjoni rizoluttiva espressa**.

ii. Fil-kuntratt tas-27 ta' April 1989 hemm kundizzjoni li jekk l-akkwirent ifalli l-hlas ta' zewg pagamenti ta' subcens allura Fenech Estates ikollha jedd titlob li jinhall it-trasferiment (ara klawzola (3) a fol. 71). L-istess jinghad fil-kuntratt tas-16 ta' Frar 1979 (ara klawzola (i) a fol. 75). L-atturi ghamlu riferenza ghas-sentenza **Mallia vs Portelli** tal-14 ta' Mejju 2005, fejn din il-qorti li wkoll kien kaz dwar hlas ta' subcens qalet:

*"il purgazione della mora tista' tinghata, a tenur ta' dan l- artikolu, anke meta l-hall tal-koncessjoni tkun giet miftiehma espressament;* ***hu biss f'kaz ta' cens kummercjali b'kondizzjoni rizoluttiva espressa li l-Qorti ma tistax taghti zmien lill-konvenut sabiex jigi mehlus mill-mora*** *(artikolu 117 tal-Kodici tal-Kummerc; ara, ghall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu, il-kawza "Chetcuti vs Farrugia", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2000)".*

Il-qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament. Fl-ewwel lok il-kawza Chetcuti vs Farrugia kienet titratta hlas ta' kera. L-Artikolu 1517 tal-Kodici Civili jipprospetta d-dritt tal-padrun dirett li jholl l-enfitewsi f'kaz li jkun hemm arretrati ta' tlett snin cens. Pero' skond l-Artikolu 1519 tal-Kodici Civili:

*(2) "Izda l-Qorti tista', f'kull wiehed minn dawn il-kazijiet, taghti lill-konvenut zmien moderat, skond ic-cirkostanzi, ghall-hlas tac-cnus maghluqa; jew ghat-tiswijiet mehtiega, u dak iz-zmien jista', ghal raguni tajba, jigi mtawwal ghal zmien moderat iehor.*

*(3) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel dan ghandhom japplikaw ukoll* ***f'kull kaz*** ***li fih il-hall tal-kuntratt ikun gie miftiehem espressament ghal kwalunkwe raguni, u ghandhom hekk japplikaw ukoll jekk il-ftehim jeskludi l-ghoti ta' xi zmien"***[5]*.*

Il-ligi ma taghmel l-ebda distinzjoni dwar jekk il-kuntratt huwiex ta' natura kummercjali jew jekk l-obbligazzjoni kenitx purament civili, tant

[5] Provvediment introdott bl-Att XXVII tal-1976. Qabel meta l-klawzola rizoluttiva kienet espressa, il-qorti ma setatx taghti zmien lid-debitur sabiex jirregolarizza l-posizzjoni tieghu. F'dan ir-rigward ara l-gurisprudenza citata minn din il-qorti (Imhallef J. Zammit Mckeon) fil-kawza **Tarcisio Zammit et vs Dr Martin Fenech et nomine** deciza fil-15 ta' Jannar 2015.

li l-Artikolu 1519(3) jinghad ***"f'kull kaz"***. Sahansitra l-Artikolu 1499(1) tal-Kodici Civili jipprovdi: *"Ir-regoli li jinsabu fl-artikoli ta' qabel u fl-artikoli 1501, 1502, 1512, 1513 u **1519**, għandhom jiġu mħarsa **fil-każijiet kollha** u kull ftehim kontra għalihom ikun mingħajr effett*". Ghalhekk il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-atturi li l-Artikolu 1519(2) ma japplikax meta l-akkwist hi operazzjoni ta' natura kummercjali ghall-konvenut.

iii. Il-qorti hi tal-fehma li l-konvenuti ghandhom jinghataw l-opportunita li jhallsu l-arretrati. Fir-realta' kien l-inkwiet intern li kien hemm bejn l-ahwa Fenech li wassal biex is-subcens ma thallasx fiz-zmien meta sar dovut. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-affidavit ta' Michaelangelo Fenech:

*"Wiehed mic-censwalisti li kemm-il darba ltaqa' mieghi kien il-konvenut Aronne Barbara li jien nafu bl-isem ta' Ronnie. Nghid li Ronnie kemm-il darba ltaqa' mieghi u talabni biex ihallas u jien dejjem ghidtlu li kif jigu rizolti l-problemi ma' hija nibaghatu ghalih biex ihallas. Kemm-il darba staqsini jekk kienx jaqbel li kull sena jiddepozita l-ammont ta' cnus il-qorti jew inkellha li jhallas lill-avukat Dr Vincent Falzon. **Jien dejjem kellmitu fis-sens li ma kienx worth it jiddepozita l-flus il-qorti ghax kien jehel hafna spejjez bla bzonn** u dejjem ghidtlu li hu mhux tfal u m'gahndix dubju li ghada pitghada mhux ser jonqos mill-obbligi tieghu li jhallas dak kollu dovut lil FECL"* (enfazi mizjuda, fol. 122).

Kompla li fis-sena 2007 l-konvenut kien talab li jhallas il-kontijiet fuq it-tlett porzjonijiet art; *"Jien b'nofs b'tbissima kont ghidtlu li **ma joqghodx jinkwieta ghall-hlas ghax ma konniex qed nippretendu li jhallas l-ammonti kollha f'daqqa** u peress li dejjem mexa ta' ragel maghna u ma kellux l-iskop li jevita l-hlas permezz ta' preskrizzjoni, konna ser naghtuh in-nifs sabiex ihallas"* (fol. 123).

5. Il-hlas li hu dovut lill-atturi hu fir-rigward tal-plots:-

- 142 u 143 (wara maghrufa bhala plots 71 u 69) – 3 ta' Marzu 1996 sat-3 ta' Marzu 2013: **€4,704.40**;
- 137A (wara maghrufa bhala plot 91/89) – 3 ta' Marzu 1990 sat-3 ta' Marzu 2013 - **€2,405.40**;

Mir-ricevuti li l-konvenuti stess ipprezentaw[6], jirrizulta li l-atturi ma rcevewx hlas ghal dawk il-perjodi.

[6] Ara nota prezentata fl-10 ta' Settembru 2014 u dokumenti mehmuza (fol. 365).

Ghal dak li jirrigwarda l-imghax dan ghandu jiddekorri mis-sena 2009, meqjus li Michael Angelo Fenech xehed li *"… kif spjega hija Alfred fl-affidavit tieghu, peress li dak iz-zmien kien hemm problemi bejnietna, jiena qatt ma kelli pjacir li xi hadd minnha t-tnejn jigbor il-flus"*. Jidher li Alfred Fenech kien tal-istess fehma tant li m'hemmx prova li ha xi passi biex jirkupra l-arretrati ghan-nom ta' Fenech Estates Limited. Kompla jghid li l-ftehim ma' huh Alfred sehh fit-23 ta' April 2009[7] u lill-konvenut kien ighidlu sabiex ma jiddepozitax flus il-qorti ghaliex ***"… kien jehel hafna spejjez bla bzonn…."***[8]. Fil-fatt kien f'dik is-sena li Michael Fenech, iben Alfred Fenech, ikkomunika mal-konvenut u beda jitolbu l-hlas tal-arretrati tac-cens. F'dan ix-xenarju m'ghandux ikun li l-attrici Fenech Estates Limited tippretendi li tithallas imghax ghas-snin qabel 2009. Jirrizulta li fis-16 ta' Ottubru 2009 l-atturi pprezentaw zewg ittri ufficjali (fol. 26-27) li gew notifikati lill-konvenut fil-21 ta' Ottubru 2009.

6. Jirrizulta li b'kuntratt tat-23 ta' April 2009 pubblikat min-nutar Dr Clyde La Rosa (fol. 239), Fenech Estates Limited ittrasferiet lil FF Limited, fost'affarijiet ohra s-subdirett dominju perpetwu:-

a) tal-plot 137 li fuqha jithallas subcens annwu u perpetwu ta' Lm45.75 (€106.67);
b) tal-plot 142 li fuqha jithallas subcens annwu u perpetwu ta' Lm30 (€69.88);
c) tal-plot 143 li fuqha jithallas subcens annwu u perpetwu ta' Lm30.25 (€70.46);

Ghalhekk b'effett minn dik id-data l-hlas kien dovut lil FF Limited.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tichad l-ewwel eccezzjoni.**
2. **Tichad it-tieni eccezzjoni.**
3. **Tichad it-tielet eccezzjoni.**
4. **Tiddikjara li l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-atturi s-somma ta' sitt elef erba' mija u erbgha u sittin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€6,464.25) in kwantu lil:-**
   **(a) Fenech Estates Limited is-somma ta' €5,434.20 bl-imghax mill-21 ta' Ottubru 2009, cjoe' d-data tan-notifika tal-ittra ufficjali sal-jum tal-hlas;**

[7] Fol. 122.
[8] Fol. 122.

(b) **FF Limited is-somma ta' €1,030.05 bl-imghax mid-data ta' kull skadenza[9] sal-jum tal-hlas fir-rigward tas-somma €716.28 (ghal plots 142 u 143) u mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat sal-jum tal-hlas fir-rigward tas-somma ta' €313.75 (ghal plot 137A)[10].**

5. **Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' sitt elef erba' mija u erbgha u sittin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€6,464.25).**
6. **B'applikazzjoni tal-Artikolu 1519(2) tal-Kodici Civili, taghti lill-konvenuti sat-12 ta' Awissu 2015 sabiex ihallsu s-somma ta' sitt elef erbgha mija u erbgha u sittin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€6,464.25).**
7. **Fir-rigward tar-raba', hames u sitt talbiet f'dan l-istadju tiddiferixxi l-kawza ghad-9 ta' Ottubru, 2015 fid-9.00am.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti.**

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[9] Din is-somma tkopri l-iskadenzi 3 ta' Marzu 2010, 3 ta' Marzu 2011 u 3 ta' Marzu 2012 (ara statements a fol. 32, 35 u 38 li pprezentaw l-atturi).

[10] Fuq din il-plot il-konvenut bnew id-dar fejn jirrisjedu. Jidher ghalhekk li l-akkwist sar ghall-uzu personali tal-konvenuti (ara **F. Gabriele vs J. Grima**, deciza mill-Prim'Awla fis-7 ta' Marzu 1961). Ghalhekk m'hijiex obbligazzjoni kummercjali. Fatt rikonoxxut mill-atturi stess in kwantu fir-rendikont li pprezentaw dwar il-plot 137A ma nkludewx imghax ghall-perjodu 3 ta' Marzu 1990 sat-3 ta' Marzu 2009 (fol. 39).